

**OPINJONI Nru 04/2007**

**TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru, ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

*Permess għat-Tajran:*

*Privileġġi għall-Organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa (CAMOs)*

## I. Aspetti ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni li temenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003<sup>1</sup> u Nru 2042/2003<sup>2</sup>. Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' regolamentazzjoni huma spjegati fil-qosor aktar 'l isfel.
2. L-Opinjoni kienet adottata, skond il-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-Aġenzija<sup>3</sup>, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002<sup>4</sup>.

## II. Konsultazzjoni

3. L-abbozz ta' Opinjoni għar-Regolamenti tal-Kummissjoni li jemendaw ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 kien ippubblikat (Avviż ta' Emenda Proposta – NPA-2007-06) fis-sit ta' l-internet ta' l-Aġenzija fit-22 ta' Ġunju 2007.
4. Sad-data ta' l-għeluq fit-28 ta' Settembru 2007, l-Aġenzija kienet irċeviet 62 kumment minn 13-il Awtorità ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
5. Il-kummenti kollha li waslu nġhatatilmom irċevuta u kienu inkorporati f'Dokument ta' Risposta għall-Kummenti (CRD), li kien ippubblikat fis-sit ta' l-internet ta' l-Aġenzija fil-5 ta' Ottubru 2007. Diversi kummenti minnhom wasslu għal tibdiliet fl-emendi proposti u dawn huma riflessi fis-CRD.
6. Saru kummenti dwar il-fatt li l-privileġġ tal-ħruġ tal-permessi għat-tajran kien previst biss għall-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa (CAMO) u mhux għall-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati. Madankollu l-Aġenzija qieset li l-privileġġ tal-ħruġ tal-permessi għat-tajran m'huwiex adattat għall-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati minħabba li fl-ambitu ta' l-approvazzjoni tagħhom huma ma jistgħux jistabbilixxu faċilment il-konfigurazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru. Huwa minnu li organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tista' tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex tistabbilixxi l-istatus ta' l-ajrunavigabilità u l-konfigurazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru partikolari mingħand partijiet terzi. Madankollu m'huwiex il-kompitu primarju ta' organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tiġġestixxi l-istatus ta' l-ajrunavigabilità u l-konfigurazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru u għaldaqstant ikollha dejjem isserraħ fuq

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, tas-27.9.2003, p. 6). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007, 30.3.2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 3).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija rigward il-proċedura li għandha tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjonijiet u l-Materjal ta' Gwida. EASA MB/7/03 tas-27.06.2003 (il-proċedura tar-regolamentazzjoni).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

informazzjoni mogħtija minn organizzazzjonijiet oħra. Minħabba li mhux dejjem tkun kapaċi tistabbilixxi l-istatus ta' l-ajrunavigabilità u l-konfigurazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru mir-riżorsi tagħha stess, ikun diffiċli għall-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li twettaq ir-responsabilità marbuta mal-privileġġ tal-ħruġ tal-permessi għat-tajran. Barra minn hekk, il-personal f'organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata mhux bilfors ikollu l-għarfien espert xieraq biex jistabbilixxi l-istatus ta' l-ajrunavigabilità u l-konfigurazzjoni ġenerali ta' inġenju ta' l-ajru partikolari.

7. Bosta minn dawk li bagħtu l-kummenti tagħhom indikaw il-ħtieġa li jiġu imposti, għall-privileġġ li jinħarġu permessi għat-tajran, restrizzjonijiet analogi għal dawk applikabbli għall-privileġġ li jinħarġu ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabilità (ARC). Wara dawn il-kummenti, l-Aġenzija ddeċidiet li torbot b'mod ċar il-privileġġ li jinħarġu permessi għat-tajran mal-privileġġ li jinħarġu ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabilità. L-Aġenzija tqis li biex jinħareġ permess għat-tajran l-organizzazzjoni għandha tkun kapaċi tistabbilixxi l-istatus ta' l-ajrunavigabilità u l-konfigurazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru kkonċernat, li huwa preċiżament l-għan tal-privileġġ li jinħarġu ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabilità. L-istess restrizzjonijiet għandhom japplikaw għaż-żewġ privileġġi u għaldaqstant l-Aġenzija ddeċidiet li torbothom it-tnejn flimkien.

8. Sal-5 ta' Diċembru 2007 kienu waslu għaxar reazzjonijiet għas-CRD mingħand sitta fost dawk li bagħtu kummenti. Uħud kellhom x'jaqsmu mal-mezzi aċċettabbli għall-konformità u l-Materjal ta' Gwida li m'humiex is-suġġett ta' din l-Opinjoni. Ir-reazzjonijiet l-oħra huma diskussi aktar 'l isfel.

Wieħed fost dawk li bagħtu kummenti talab lill-Aġenzija biex tqis mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-personal għall-persuni awtorizzati li joħorġu l-permessi għat-tajran f'isem is-CAMO. Huwa jipproponi li l-personal regolari tas-CAMO jingħata l-permess li joħroġ il-permessi għat-tajran. Madankollu l-Aġenzija tqis li biex wieħed jaqdi sewwa l-obbligu tiegħu li jiffirma l-permess għat-tajran f'isem l-organizzazzjoni approvata, il-persuna rilevanti għandha jkollha l-anzjanità u l-awtorità xierqa fi ħdan l-organizzazzjoni. Din il-persuna jista' jkollha sserraħ fuq l-istqarrijiet ta' persuni oħra fl-organizzazzjoni iżda trid ikollha l-pożizzjoni li fiha tkun kapaċi tissorvelja x-xogħol imwettaq minn persuni oħra. L-Aġenzija tqis li huwa ġġustifikat li jkollha rekwiżiti ta' kwalifiki addizzjonali għall-personal ta' dan it-tip, li jkunu b'żieda mal-kwalifiki tal-personal regolari. Hija tqis li l-kwalifiki tal-personal li jirrevedi l-ajrunavigabilità huma wkoll adegwati biex titwettaq il-funzjoni tal-ħruġ tal-permessi għat-tajran.

Persuna oħra li bagħtet il-kummenti tagħha taħseb li għadu m'huwiex ċar x'jiġri meta l-Istat tar-Reġistru jkun differenti mill-Istat fejn tkun tinstab is-CAMO. L-Aġenzija tqis li dan huwa ċar biżżejjed. Il-proċedura għall-ħruġ tal-permess għat-tajran għandha tkun miftiehma ma' l-awtorità li toħroġ l-approvazzjoni tas-CAMO. Fil-każ li s-CAMO toħroġ permess għat-tajran lil inġenju ta' l-ajru li huwa rreġistrat fi Stat Membru ieħor, hija għandha tibgħat kopja tal-permess għat-tajran lill-awtorità ta' dak l-Istat.

Persuna oħra li bagħtet il-kummenti tagħha tat spjegazzjoni ulterjuri dwar il-kummenti tagħha li organizzazzjoni tad-disinn approvata jista' jkollha l-privileġġ li toħroġ permess għat-tajran anki għal dawk l-inġenji ta' l-ajru li għalihom tkun approvat il-kundizzjonijiet għat-tajran, sakemm hija twettaq kontroll fuq il-konfigurazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru u tiċċertifika l-konformità. Minħabba din l-ispejgazzjoni addizzjonali l-Aġenzija ddeċidiet li taċċetta l-kumment u s-subparagrafu 21A.263(c)(7) huwa emendat kif jixraq.

9. Wara kontroll finali mill-Aġenzija dwar il-kwalità tal-miżura prevista, is-subparagrafu M.A.711(b)(3) li jiddefinixxi l-privileġġ għas-CAMOs huwa emendat biex jinqara b'mod

aktar loġiku u biex ikun koerenti mad-dispożizzjoni analoga li tapplika għad-detenturi ta' l-Approvazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' produzzjoni.

### III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

10. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni li jirriżultaw mill-proposti ta' l-Aġenzija dwar il-permess għat-tajran skond l-attività tar-regolamentazzjoni 21.023 kienu adottati fit-30 ta' Marzu 2007 u ppubblikati fl-4 ta' April 2007. Matul id-diskussjoni dwar il-proposta ta' l-Aġenzija kien deċiż li jitneħħa l-privileġġ previst għas-CAMOs li joħorġu l-permessi għat-tajran, biex ikunu eżaminati b'reqqa akbar l-implikazzjonijiet tiegħu kollha. Dan il-privileġġ sussegwentement ma kienx inkluż fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 u 376/2007 li rriżultaw mill-proċess leġiżlattiv. Għaldaqstant, l-Aġenzija kellha tibda proċess ġdid ta' regolamentazzjoni fuq dan is-suġġett partikolari.
11. Il-privileġġ ewlieni għas-CAMO se jkun il-ħruġ tal-permess għat-tajran wara li jkunu approvati l-kundizzjonijiet tat-tajran mill-awtorità xierqa jew minn organizzazzjoni approvata. Barra minn hekk, huwa previst ukoll il-privileġġ li tapprova l-kundizzjonijiet tat-tajran, imma dan se jkun ristrett għall-każijiet fejn approvazzjoni bħal din ma tkunx irrelatata mas-sigurtà tad-disinn. Dan jista' jkun il-każ għat-titjiriet meħtieġa bħala xhieda tal-konformità kontinwata ma' l-istandard tad-disinn approvat qabel mill-Aġenzija għall-inġenji ta' l-ajru biex jikkwalifikaw jew jikkwalifikaw mill-ġdid għal ċertifikat ta' ajrunavigabilità.

Cologne, xx ta' Diċembru 2007

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv